IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru40 (Erbgħin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta 28 ta' Ottubru, 2021, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| | Anthony Valvo |
| **Skużat:** | Rosabelle Pulis |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**40.1. Item Nru 40.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

40.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.10pm u s-Sa. Rosabelle Pulis informa li mhux ser tkun tista tattendi minħabba li ma tiflaħx. Kulħadd qabel li tkun ikkunsidrata skużata.

**40.2. Item Nru. 40.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti ġew moqrija u kien hemm korrezzjoni f' minuta 39.3.1 u tiżdied "Is-Sur Raymond Camilleri qal li aħna suppost kellna niltaqgħu mal-Ministru Miriam Dalli."

Wara din il-korrezzjoni l-Minuti ġew approvati unanimament.

**40.3 Item Nru. 40.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

40.3.1 Is-Sindku qal li dwar ir-railing tax-xatt bagħtulna l-pjanti u jidher li huma datati 2019. Pero assigurawh li ser isir fi ftit żmien. Huwa qal li tkellem mal-Perit Zerafa Boffa.

40.3.2. Is-Sur Attard qal li fi Trejqet ix-Xilep twaħħlet CCTV minħabba abbuż ta' skart illegali u li mhux skond l-iskeda.

40.3.3. Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni ta' tiswija tal-bandli tax-xatt u qal li s'issa għadna ma rċevejna xejn. Huwa kompla u qal li ċempel sabiex jiċċekkja f'hiex waslu u qalulu li għadhom qed jevalwawhom.

40.3.4 Is-Sindku qal li t-tender tal-jogging track tidher li hija kkumplikata iktar milli kien mistenni u għadu qed isir l-abbozz tagħha.

40.3.5 Is-Sur Neil Attard qal staqsejna l-perit Bezzina wkoll dwar id-dogs park biex naraw jekk għandniex bżonn permess tal-PA.

40.3.6 Is-Sur Attard qal li għada ser issir laqgħa mas-Surmast tal-iskola sabiex naraw nistgħux nagħmlu attivita ta' San Martin flimkien. Il-Kunsill qabel li noħorġu l-ammont ta' €200 sabiex nixtru affarijiet għal borża u b'hekk tkun qed tinżamm it-tradizzjoni ta' San Martin.

40.3.7 Is-Sindku qal issa li qed joqrob il-Milied jixtieq li ntellgħu serata ta' kant u żfin nhar it-18 ta' Diċembru u li din id-darba issir fis-sala ta' taħt il-bandli. Huwa qal li din l-attivita inżommuha budget baxx u nimxu skont il-miżuri kollha tal-Covid.

Apparti hekk is-Sindku qal ukoll li wara n-nuqqas tas-sena l-oħra tal-Christmas get together din is-sena nistgħu nerġgħu norganizzawaha skond il-miżuri tal-covid. Din tista ssir nhar it-30 ta' Diċembru. Għalhekk ser jinħareġ leaflet li jkopri ż-żewġ attivitajiet.

**40.4 Item Nru 40.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

40.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk nistawx nagħtu rikonoxximent lil Jasia li hija kontestanta f' Miss Mini Malta u rrappreżentat lix-Xgħajra. Kulħadd qabel li nagħmlulha tifkira u l-Kunsill jgħin fil-libsa li ser tikkontesta biha.

40.4.2 Is-Sa Borg staqsiet meta nistgħu nirranġaw il-garage ta' fejn il-Librerija sabiex nibdew nagħmlu l-lezzjonijiet tal-"Privat" minajr ħlas. Apparti hekk is-Sa. Borg staqsiet jekk kellniex żvilupp fuq l-interactive Whiteboard. Is-Sur Camilleri qal li l-President tax-Xgħajra Tornados lest li jisponsorjah hu.

IX-XGĦAJRA

40.4.3 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħux nagħmlu road hump fi Triq l-Ispnott fejn diġa kien hemm waħda qabel saret it-triq mil-ġdid. Kulħadd qabel ma' dan.

40.4.4 Is-Sur Camilleri staqsa fuq il-Bus Shelters. Is-Segretarju qal li l-permess minn TM jidher li ħareġ pero qed nistennew għaliex hemm kawża l-qorti u li qed iżżomm il-proċess. Is-Segretarju ser jibgħat lil Faces u AKL sabiex naraw kif ser nipproċedu.

40.4.5 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħux ninstallaw camera u nwaħħlu tabella fejn il-każin tal-futbol għaliex xi ħadd qed jarmi skart illegalment.

40.4.6 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk irċevejniex mil-Perit Buhagiar fuq il-proġett tal-Boċċi għaliex kellu jibgħatilna xi pjanti sabiex nadduhom lil Sports Malta.

**40.5 Item Nru. 40.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

40.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**40.6 Item Nru. 40.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

40.6.1 Is-Segretarju qal li rċieva telefonata mit-tifel ta' Rocco Mifsud fejn qalilna li qed jikkunsidra serjament li jwaqqaf il-kuntratt tal-gbir tal-iskart għaliex mhux ikopri l-ispejjeż. Għalhekk il-Kunsill qabel li nkellmu Avukat sabiex naraw xi drittijiet għandu l-Kunsill f' każ li dan jiddeċiedi li jittermina l-kuntratt.

**40.7 Item Nru. 40.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

40.7.1 Pagamenti b'numru 107 ġew approvati unanimament.

**40.8 Item Nru. 40.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

40.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**40.9 Item Nru. 40.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

40.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-6.50pm
Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 9 ta' Diċembru, 2021

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| _________________________ | _________________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |